**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 5 ta' Frar 2025

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**vs**
**Carlos Galea**
**(Detentur tal-Karta tal-Identita' 12084M)**

**Il-Qorti,**

Rat li il-Pulizija ressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja lil Carlos Galea, ta' wieħed u erbgħin (41) sena, iben Joseph Galea u Josephine nee' Scerri, ta' nazzjonalita' Maltija, imwieled il-Pieta', nhar it-tlettax (13) ta' Diċembru tas-sena elf disgħa mija u tlieta u tmenin (1983) residenti ġewwa Blk Q, Fl 3, Triq Xemxija, Marsa u detentur tal-Karta tal-Identita' 12084M, fejn ġie akkużat f' isem ir-Repubblika ta' Malta talli f'xi ħin bejn l-għaxra ta' filgħodu (10:00) u nofsinhar (12:00) tat-tlieta (3) ta' Frar elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) ġewwa Knisja Marija Reġina sitwata ġewwa Triq N.Sacco, Marsa u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. *"Ikkommetta serq ta' laptop liema serq huwa ikkwalifikat **bil-valur** li ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37); **u bil-lok** u dan sar għad-detriment ta' **Dwayne Vella** u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.*

*Artikoli 261(ċ),(e), 267, 269(a), 279(a) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

*U aktar talli:*

*Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, kemm il-darba jinstab ħati jirrendi ruħu reċediv ai termini tal-Artikoli 49 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan b'sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati li saru definittivi u li ma jistgħux jinbidlu."*

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija fil-konfront tal-imputati tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A u 532A et seq, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li filwaqt li l-Uffiċjal Prosekutur esebixxa l-fedina penali u dokument uffiċjali tal-imsemmi Omar Josepb Trabelski, kif ukoll il-Kunsens tal-Avukat Ġenerali skont l-artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9, talbu li dan il-każ jiġi ttrattat skont il-liġi.

Rat li waqt is-seduta tal-lum, l-imputat minn jeddu għażel li jammetti għal akkużi. Il-Qorti għaldaqstant ai termini tal-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wissiet lill-akkużat b'mod l-aktar solenni dwar il-konsegwenzi legali tat-tweġiba tiegħu, spjegatlu ukoll il-portata tal-ammissjoni u sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi, u tagħat żmien lill-imputat jerġa jikkonsulta mal-avukat tiegħu bil-għan li jerġa' jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu, u meta reġgħet staqsietu, l-akkużat ikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Stante l-ammissjoni tal-imputat din il-Qorti ikkonvertiet ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u pprosegwiet bil-kawża sabiex tgħaddi għas-sentenza.

Semgħet lid-difiża tiddikjara li l-ħati lest li jissottometti ruħu għal-Ordni ta' Trattament.

Semgħet is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet dwar il-piena.

Rat l-atti proċesswali.

**Ikkunsidrat**

Li stante l-ammissjoni tal-istess imputat, il-Qorti m'għandiex triq oħra ħlief li ssibu ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u tgħaddi għas-sentenza.

**Konklużjoni**

Għaldaqstant fuq ammissjoni tal-imputat, wara li rat l-artikoli 261(ċ)(e), 267, 269(a), 279(a) 280, 49 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat Carlos Galea, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 12084M, ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni u tat-tieni (2) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, u tikkundannah għal piena ta' erba u għoxrin (24) xahar priġunerija iżda, bis-saħħa tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li s-sentenza m' għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk, matul il-perijodu ta' tlett (3) snin mid-data ta' din is-sentenza, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Bis-saħħa ta` l-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta` Malta, l-Qorti qed tordna lill-ħati sabiex iħallas bħala kumpens id-danni konsistenti fil-valur tal-laptop misruq u mitluf fl-ammont ta' elf erbgħa mija tmienja u erbgħin ewro (€1,448) proprjetà ta' Dwayne Vella lill-istess Dwayne Vella u dana fi żmien sitt (6) xhur mid-data ta` din is-sentenza.

Il-Qorti spjegat fi kliem sempliċi skont l-Artikolu 28A(4) u l-Artikolu 28H(8) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ir-responsabbiltà tiegħu taħt l-artikoli 28A u 28H tal-istess Kapitolu 9.

Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed toħroġ ukoll Ordni ta' Trattament għal perjodu ta' sentejn (2) mil-lum kontra l-ħati skont id-digriet li għandu jiġi meqjus li ngħata kontestwalment ma din is-sentenza u li għandu jifforma parti integrali minnha u li qiegħed jiġi anness magħha, fil-konfront tal-ħati sabiex isegwi dawk id-direzzjonijiet u/jew programm/i addattat ieħor skont id-direzzjoni tal-Uffiċjal tal-Probation li ser jiġi maħtur ai termini tal-artikolu ċitat.

Il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba kkontemplata abbażi tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress li mill-atti proċesswali ma jirriżultax li nħatru xi esperti jew periti f'dan il-każ.

Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza u tad-Digriet mogħti kontestwalment lid-Direttur tal-Probation u Parole.

**Maġistrat**
**Dr. Kevan Azzopardi B.A., LL.D.**

**< Sentenza Finali >**

**-------------------------------TMIEM-------------------------------**